**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 14/19**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 11 ta' Novembru 2019 |
| **Ħin:** | 6:15pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier<br>Roderick Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużata** | Amanda Abela - Kunsilliera |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **14.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **14.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **14.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **14.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **14.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **14.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **14.07** | ***Quarterly Financial Statements*** |
| **14.08** | **Vann / Store tal-Kunsill** |
| **14.09** | **Festin tal-Milied** |
| **14.10** | **Ġardinara mal-Kunsill** |
| **14.11** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **14.12** | **Mozzjonijiet; u** |
| **14.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**14. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 14. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Abela ma setgħatx tattendi minħabba raġunijiet mediċi. Imejl annessa. | |

**14. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Viċi-Sindku | Il-Minuti 13/19 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 14. 2. 1 | 13.07.01 | Viċi-Sindku | Sabiex tiġi taqra Gruppi tal-Folklor Internazzjonali | |
| 14. 2. 2 | 13.03.12 | Chircop | l-ispiża li se jħallas il-Kunsill hija ta' €960 | |

14. 2. 2 **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**14. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 14. 2 1 | 13.02.01 | Baldacchino: problema tal-ħamiem | Baldacchino qal li ser issir laqgħa darba l-Ħamis mal-Federazzjoni tal-Ħamiem. Is-Sindku qalet li l-AKL ukoll qed taħdem fuq din il-problema u rridu naraw li nagħmlu dak li suppost. | Baldacchino |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 2 | 2 | 13.02.02 | Caruana Ray: *Traffic Management* | Caruana staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar it-Traffic Management fi Triq Alfred Cachia Zammit u Triq Santu Wistin. Dawn ser jiġu diskussi u jitressaq pjan kif l-aħjar isiru. Caruana qal ukoll li l-Kunsill għandu jkun preżenti waqt il-laqgħat li jsiru dwar xogħol li jkun se jsir fit-toroq taż-Żejtun dan sabiex ikollna idea ċara ta' dak li jkun se jsir. | Sindku |
| 14. | 2 | 3 | 13.02.03 | Chircop: Restawr tan-niċċa ta' San Ġużepp | Chircop qal li r-restawr fuq in-niċċa miexi u ser ikun lest f'Jannar li ġej. Irid isir ukoll xogħol mill-bennej qabel issir l-inawgurazzjoni. | Chircop |
| 14. | 2 | 4 | 13.02.04 | Chircop: Proġett f'Misraħ Karlu Diacono | Chircop informa l-Kunsill li fil-5 ta' Ottubru attenda għat-tnehdija tal-proġett bl-isem *Olive Twist* li ser isir f'Misraħ Karlu Diacono. Ġew mogħtija l-ewwel €10,000 lill-artist sabiex jinbeda l-pjanijiet. Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar meta ser isiru l-*workshops* relatati ma' dan il-proġett. Chircop qal li dawn ser jibdew dalwaqt u ser jinforma lil dawk konċernati. Is-Segretarju Eżekuttiv qal sabiex nibdew naħsbu għall-permessi meħtieġa. | Chircop |
| 14. | 2 | 5 | 13.02.05 | Chircop: *Ghost Tours* | Chircop qal li l-Ghost Tours saru u qed jippjana sabiex isiru oħrajn fir-Raħal t'Isfel. | Chircop |
| 14. | 2 | 6 | 13.02.14 | Viċi-Sindku: *Raised zebra crossings* | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk ir-*raised zebra crossings* ta' Vjal 25 ta' Novembru u Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill sarux skond l-approvazzjoni ta' TM inkluż l-għoli tagħhom. Dawn ġew approvati minn TM u ser jiġi iċċekjat li l-għoli tagħhom huwa kif suppost. Staqsiet ukoll jekk kellniex risposta minn TM għaż-*zebra crossing* fi Triq id-Daħla ta' San Tumas. Dwar din għadna bla risposta. | Segretarju Eżekuttiv / Sindku |
| 14. | 2 | 7 | 13.03.04 | Sindku: Tħawwil ta' siġar | Is-Sindku qalet li l-ittra ta' ringrazzjament lill-Nathan u Beverly intbagħtet u kien hemm kopja oħra li ħawwlu 12 -il siġra fiż-żona ta' Ġebel San Martin fis-16 ta' Ottubru. Qalet ukoll li Wirt iż-Żejtun qed jistiednu lill-Kunsill għal tħawwil ta' siġar li ser isir il-Ħadd, 17 ta' Novembru fl-10am. Qalet ukoll li ġiet avviċinata minn resident Christian Attard sabiex titħawwel siġra b'tifkira għal ommu u din ser tithħawwel fil-kantuniera bejn Triq Joe Attard u Triq Alfred Cachia Zammit | Sindku |
| 14. | 2 | 8 | 13.03.05 | Chircop: Xogħol fi Vjal 25 ta' Novembru | Chircop issuġerixxa li meta jibda x-xogħol, Triq Ħal Tarxien għandha issir *One-Way* il-barra sabiex jitnaqqas il-konġestjoni ta' traffiku. Is-Sindku qalet li għandna naraw l-andament u imbagħad niddeċidu x'għandu jsir. | Sindku |
| 14. | 2 | 9 | 13.03.05 | Sindku: Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li l-ERA talbet li jsir rapport dwar it-*traffic flow* u ġiet l-approvazzjoni grazzi għall-Ministeru tal-Onorevoli Ministru Joe Mizzi sabiex jinbidel id-dawl tat-triq u jekk hemm bżonn jiżdied ukoll. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 2 | 10 | 13.03.06 | Sindku: Xogħol mill-ħaddiema tar-Reġjun | Is-Sindku qalet li dawn lestew il-ħajt ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten u bdew iċ-ċint f'tarf Triq San Girgor. Ser ikun qed jinbena ċint ieħor f'Misraħ Mgħodija Żgħażija. | Sindku |
| 14. | 2 | 11 | 13.03.07 | Sindku: Ħitan tas-Sejjieħ fi Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li dwar it-tender sibna problema peress li l-kuntrattur li ntagħżel għamel sub-contracting u dawn ma qablux dwar il-ħlas. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 14. | 2 | 12 | 13.03.09 | Sindku: Tnehdija mill-Watsererv | Is-Sindku qalet li kien hemm rispons tajjeb u r-residenti marru biex jiddisponu mill-oġġetti li setgħu jarmu. Fenech qalet li għandha ssir lista tal-oġġetti li jistgħu jintremew f'dan it-trakk. Ser nitkellmu mal-WasteServ sabiex ituna leaflets u jitqassmu mal-boroż il-ħodor. | Sindku |
| 14. | 2 | 13 | 13.03.12 | Chircop: Kunċert fuq l-Orgni u l-Klarinet | Chircop informa l-Kunsill li dan il-kunċert ser isir fil-knisja ta' San Girgor fil-5 ta' Diċembru fis-7.30pm mill-organista Mariano Meloni u fuq il-klarinet Antonio Puglia. Id-dħul ser ikun b'xejn biss għal dawk li jibbukjaw il-Kunsill. Dan ser ikun parti mill-*Malta International Organ Festival.* | Chircop |
| 14. | 2 | 14 | 13.04.01 | Camilleri: Kotba għall-Librerija | Camilleri qalet li nxtraw il-kotba għall-librerija u ser jitħallsu kollha mill-Kunsill peress li ma kienx hemm fondi għal dan dis-sena. | Camilleri |
| 14. | 2 | 15 | 13.04.02 | Sindku: Tender - Tiżjin ta' toroq għal Milied | Is-Sindku qalet li kellha ssir estenzjoni u ser jagħlaq fil-15 ta' Novembru. | Sindku |
| 14. | 2 | 16 | 13.05.02 | Viċi-Sindku: Linji sofor fi Sqaq il-Vitorja | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar dawn il-linji. Is-Sindku qalet li dawn għad iridu jsiru. | Sindku |
| 14. | 2 | 17 | 13.05.07 | Sindku: Manutenzjoni ta' Blokki I u G f'Qasam Ħal Tmin | Is-Sindku qalet li tinsab iddisgużtata bl-imejl li ntbagħtet mill-Viċi-Sindku dwar din il-materja. Żiedet li din l-attitudni mijiex aċċettata u ma tistax taħdem hekk u din ġagħlitha tieħu d-deċizzjoni li dan id-dekastru għandu jgħaddi għand il-kunsillier Baldacchino li dan tal-aħħar aċċetta. | Sindku / Baldacchino |
| 14. | 2 | 18 | 13.06.01 | Camilleri: Tan-Nanna Ħelu Manna | Camilleri qalet li ser tkun qed tipprovdi servizz tat-trasport minn San Vincenz De Paul għaż-Żejtun u lura għal dawk l-anzjani li ma jsuqux. | Camilleri |
| 14. | 2 | 19 | 13.09.01 | Chircop: Berġa Żejtun | Chircop qal li l-isem li ppropona hu ma ġiex aċċetat pero ser issir tifkira ta' Ms Blanche Huber fil-berġa. L-Isem ser ikun Berġa Żejtun. Staqsa meta ser issir is-serata biex jinawguraw din it-tifkira tagħha. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 2 | 20 | 13.09.01 | Sindku: Berġa | Is-Sindku qalet li ser jiżdiedu żewġ servizzi ġodda ma' li kien hemm, dak tal-*Psychotherapy (* dan se jkun bħala proġett pilota fejn ser jagħmlu l-viżita u jiġu referuti għall-post ieħor) u *Podiatry.* Fenech *qalet li* l-vaċċin tal-influwenza ser jingħata fil-21 u 22 ta' Novembru fil-Berġa wara li tkellimna mas-CEO tal-Kura Primarja, Ms Rosanne Camilleri ma sabitx oġġezzjoni. Wara laqgħa li s-Sindku kellha mas-Sa Maria Bugeja, CEO tas-Saint James Hospital, sar qbil li l-infermiera li ser jagħtu t-tilqima ser ikunu sponsorjati mis-*Saint James Hospital.* Dawk li ma jistgħux joħorġu mid-dar ser tingħatalhom fis-26 ta' Novembru. | Sindku / Fenech |

**14 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML13/19. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | 3 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Tmexxija tal-bilanċ tal-*Vacation leave* | Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex jitmexxew 140 siegħa ta' leave għas-sena d-dieħla. Il-Kunsill qabel nem.con | Segretarju Eżekuttiv |
| 14 | 3 | 2 | 06 | Viċi-Sindku: World's Children's Day | Il-Viċi-Sindku qalet li ser jipparteċipaw fiha il-*Kids Club.* | Viċi-Sindku |
| 14 | 3 | 3 | | Sindku: Manuċċa | Is-Sindku qalet li bħalissa hemm problema peress li l-bord tal-Manuċċa irriżenja minħabba raġunijiet ta' xogħol. Is-Sindku talbet li għandha issir emenda għall-istatut sabiex dan jinħatar mill-Kunsill. Is-Sindku proponiet li l-bord preżenti għandu jiġi estiż sakemm jinħatar il-bord il-ġdid. Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera li m'għandux ikunu magħżula nies li huma relatati mal-politika. | Sindku / Viċi-Sindku |
| 14 | 3 | 4 | 22 | Segretarju Eżekuttiv: GDPR | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bħalissa għaddej proċess fejn qed jiġu evalwati l-kontenut tal-*files* fejn ser jiġu distrutti dak li mhux se nżommu. | Segretarju Eżekuttiv |
| 14 | 3 | 5 | 24 / 25 | Wirt iż-Żejtun / A. Spagnol - Żejt iż-Żejtun | Inqraw żewġ ittri bi kritika kostruttiva dwar fejn tista' tiġi rranġata l-festa ta'Żejt iż-Żejtun. Saret diskussjoni dwar dan u s-seduta li jmiss ser tkun biex niddiskutu dan. | Viċi-Sindku |
| 14 | 3 | 6 | 29 | Prima Messa: Fr Roderick Baldacchino | Fr Roderick Baldacchino talab il-permess sabiex juża wara l-knisja wara li ssir l-ewwel quddiesa fil-parroċċa. Ser niċċekjaw id-data eżatta u ser nissuġerulu sabiex jitkellem mal-Għaqdiet u l-Arċipriet peress li ser tkun qrib il-festa ta' Santa Katarina. | Sindku |
| 14 | 3 | 7 | | Sindku: Inawgurazzjoni ta' toroq | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser isiru l-inawgurazzjoni ta' Triq Gwiedi u Triq Ħabel ix-Xgħir fl-20 ta' Novembru fid-9.30am. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | 3 | 8 | | Sindku: *Sleeping police* fi Triq Santa Katarina | Is-Sindku qalet li TM tawna risposta u qed jipproponu li tiġi *raised sleeping police* fiċ-ċentru ta' salib it-toroq. Ser nistennew u naraw ftit peress li ser issr f'raħal ieħor u ssemmiet il-problema li tista' żżomm l-ilma. | Sindku |
| 14 | 3 | 9 | | Noel Azzopardi: Tiġrijiet taż-żwiemel | Tressqet proposta sabiex jerġgħu jibdew isiru t-tiġrijiet taż-żwiemel fi Triq Ħaż-Żabbar. Wara diskussjoni kien hemm qbil li niċċekjaw mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll mal-pulizija dwar dawn il-permessi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 14 | 3 | 10 | | Fenech: Ġemellaġ | Fenech infurmat lill-Kunsill li rċivejna korrispondenza mill-komunita' ta' Polizzi Generosa fi Sqallija dwar il-possibilta' li jisr raħal ġemellat. | Fenech |
| **14.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 14. | 4 | 1 | | Chircop: Fondi għall-tisbiħ ta' Sqaqin | Chircop informa lill-Kunsill li ġew approvati €13,000 f'fondi sabiex ikunu jistgħu jissebħu bil-pjanti Triq Gwiedi u Triq Ħabel ix-Xgħir, Ser ikunu qed jinbidlu wkoll il-fanali tal-istess toroq. | Chircop |
| 14. | 4 | 2 | | Chircop: Applikazzjoni *European Destination of Excellence Award* | Chircop qal li saret appilkazzjoni għal dan l-award. Qed nistennew li jitħabbar ir-riżultat. | Chircop |
| 14. | 4 | 3 | | Chircop: *Exchanges* mill-Polonja | Chircop qal li kellna żewġ exchanges minn delegazzjonijiet mill-Polonja fejn iltaqgħu mas-Sindku u ġew diskussi dwar il-ħidma tal-Kunsill u ddawru maż-Żejtun. Dawn ġew permezz ta' fondi mill-Erasmus+. | Chircop |
| 14. | 4 | 4 | | Chircop: Kwiżż u workbook | Chircop informa lill-Kunsill li l-fondi sabiex jittqassmu l-Kwiżż u workbook lill-istudenti tal-Year 4 ġew aċċettati. | Chircop |
| 14. | 4 | 5 | | Chircop: Proġett ta' żvilupp ta' Villa Testaferrata Bonici | Chircop qal li l-Kunsill oġġezjona bil-kbir dwar żvilupp li ser isir fi Triq John Borg, dan wara li ser isir sfrejġu ta' dan il-wirt storiku. | Chircop |
| **14.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 14. | 5 | 1 | | Camilleri: Bandli Ġnien iż-Żgħożija | Camilleri qalet li hemm bżonn li jiġu rranġati l-bandli ta' Ġnien iż-Żgħożija. Is-Sindku qalet li ser nitkellmu mal-kuntrattur u naraw x'hemm bżonn isir. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 14 | 5 | 2 | | Caruana Ray: Parkeġġ fi Triq il-Qadi | Caruana ssuġerixxa li l-parkeġġ f'din it-triq għandu jinqaleb għan-naħa l-oħra tat-triq. Ser inressqu din il-proposta quddiem TM. | Sindku |
| 14 | 5 | 3 | | Fenech: Grawnd fi Gnien l-Għannejja Żwieten. | Fenech qalet li x-xogħol fuq il-grawnd miexi u daqt ikun lest. Ser jinbiddlu l-gradi u ssir xibka minħabba l-problema tal-qtates li qed jidħlu jħammġu. | Fenech |
| 14 | 5 | 4 | | Viċi-Sindku: Stejġ temporanju fi Triq il-Labour | Il-Viċi-Sindku proponiet li sakemm isir ix-xogħol fuq l-istejġ eżistenti, għandu jsir ieħor temporanju n-naħa tal-Kappella. Ser naraw jistax isir. | Sindku |
| 14 | 5 | 5 | | Viċi-Sindku: Parkeġġ f'Misraħ l-Indipendenza | Il-Viċi-Sindku qalet li qed tirċievi diversi ilmenti li dan il-parkeġġ qed jintuża minn intrapriża li timporta l-karrozzi. Ser ngħaddu dawn l-ilmenti lill-pulizija biex tieħu azzjoni. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 14 | 5 | 6 | Viċi-Sindku: Boroż tal-iskart quddiem l-Istitut Ġesu' Nazzarenu | Il-Viċi-Sindku qalet li kellmuha s-sorijiet għaliex qed jintefgħu il-boroż mill-kuntrattur quddiem il-grada u tkun ta' problema minħabba l-aċċess. Ser inkellmu lill-kuntrattur dwar dan. | Sindku |
| 14 | 5 | 7 | Camilleri: Bankin fi Triq il-Kamumilla | Camilleri talbet li għandha ssir bankina fi Triq il-Kamumilla. Il-Kunsill approva nem.con. | Sindku |
| 14 | 5 | 8 | Caruana Roderick: Parking fi Triq Marsaxlokk | Caruana ressaq ilment dwar parkeġġ quddiem garaxx f'din it-triq. | |
| 14 | 5 | 9 | Caruana Roedrick: Parking fi Triq il-Fieres | Caruana Roderick talab li għandhom isiru l-ispazji għall-parkeġġi f'din it-triq. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Sindku |

**14. 6. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Rif / Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 6. | 1 | Camilleri: Nature Trust l-Iskola | Camilleri infurmat lill-Kunsill li ser issir taħdita minn *Nature Trust* fl-Iskola Primarja B għall-istudenti tal-Year 4, 5 u 6 fl-20 ta' Novembru. | Camilleri |
| 14. | 6. | 2 | Camilleri: Jum għall-Persuni b'Diżabilita' | Camilleri qalet li ser issir quddiesa u festin l-Oratorju fit-3 ta' Diċembru sabiex jiġi ċċelebrat dan il-jum. | Camilleri |
| 14. | 6. | 3 | Camilleri: Ambaxxaturi tal-Qari | Camilleri qalet li ser issir sezzjoni fid-9 ta' Diċembru l-iskola u Camilleri intagħżlet sabiex taqra lit-tfal. | Camilleri |
| 14. | 6. | 4 | Chircop: Kompetizzjoni Tiżjin tal-Milied | Chircop qal li għal sena oħra ser issir il-kompetizzjoni tat-tiżjin tal-Milied u l-formoli ser joħorġu dalwaqt. | Chircop |
| 14. | 6. | 5 | Fenech: Konferenza tal-Meusac | Fenech qalet li ser tkun preżenti waqt il-konferenza li ser issri fit-13 ta' Novembru dwar il-fondi tal-EU. | Fenech |
| 14. | 6. | 6 | Fenech: Maratona tal-ġiri | Fenech infurmat lill-Kunsill li bħalissa għaddejjien taħdidiet dwar il-possibilta' li ssir nofs maratona tal-ġiri. | Fenech |
| 14. | 6. | 7 | Fenech: Użu tar-rota | Fenech qalet li intbagħtu imejls lill-kapijiet tal-iskejjel sabiex inħeġġu l-istudenti jużaw iktar ir-rota. Sfortunatament ma' jidhirx li hemm rieda li jgħinu f'din l-inizjattiva. | Fenech |
| 14. | 6. | 8 | Fenech: Sezzjoni dwar Comics | Fenech qalet li saret sezzjoni dwar comics fid-9 ta' Novembru fis-sala tal-Kunsill. | Fenech |
| 14. | 6. | 9 | Viċi-Sindku: Attivita' għall-Halloween | Il-Viċi-Sindku qalet li saret l-attivita' tal-Halloween mill-Kids Club fejn żaru l-anzjani u daru id-djar. | Viċi-Sindku |
| 14. | 6. | 10 | Viċi-Sindku: Santa Fferoċjata | Il-Viċi-Sindku qalet li Santa Fferoċjata tellgħet fuq tlett ijiem u kienet suċċess. | Viċi-Sindku |
| 14. | 6. | 11 | Viċi-Sindku: Pantomima | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-pantomima bl-isem *Frozen* ser titgħella fis-Sala tal-Iskola Primarja B bejn is-27 u d-29 ta' Diċembru. Is-Surmast talab li tibqa' ssir kull sena fl-istess skola. | Viċi-Sindku |
| 14. | 6. | 12 | Viċi-Sindku: Żjara il-presepju f'Għajnsielem | Il-Viċi-Sindku qalet li ser tiġi kkonfermata d-data iktar tard ta' meta ser issir l-ġurnata f'Għawdex u ż-żjara f'Għajnsielem. | Viċi-Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 14. 6. 13 | | Fenech: Laqgħat ta' informazzjoni dwar saħħa | Fenech qalet li ser ikomplu jsiru t-taħdidiet ta' informazzjoni dwar saħħa fis-sala tal-Kunsill. | Fenech |
| 14. 6. 14 | | Chircop: Mixja minn XirCammini | Ser issir *Universal Peace Walk: Xlokk Circuit* organizzata minn XirCammini nhar il-15 ta' April 2020 għall-okkażżjoni tal-festa ta' San Girgor. Aktar dettalji dwar din il-mixja jinagħtaw iktar 'l quddiem. | Chircop |
| 14. 6. 15 | | Fenech: Mixja tal-President | Fenech infurmat li l-Kunsill ser jieħu sehem f'din il-mixja. Ser jiġi provdut trasport b'xejn lejn Raħal Ġdid. | Fenech |
| **14. 7.** | | **Quarterly Financial Statements** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 14 7 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Quarterly Financial Statements* għat-tielet kwart tas-sena fejn spjega il-ħruġ u d-dħul li kellu l-kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| **14. 8.** | | **Vann / Store tal-Kunsill** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 14. 8. 1 | | Sindku: Vann u Store tal-Kunsill | Is-Sindku qalet li qed ikollna problema biex naħdmu minħabba li l-Kunsill m'għandux peress li ma jkollniex vann. Hemm bżonn jinbena jew jinxtara garage sabiex iservi bħala store għall-Kunsill. Ser jinġabru l-istimi u naraw kif l-aħjar immexxu biex jisolvew dawn il-problemi. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| **14. 9.** | | **Festin tal-Milied** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 14. 9. 1 | | Sindku: Festin tal-Milied | Is-Sindku qalet li bħal kull sena se jerġa jsir il-festin tal-Milied. Id-data ssuġerita hija t-18 ta' Diċembru. | Sindku |
| **14. 10.** | | **Ġardinara mal-Kunsill** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 14. 10. 1 | | Sindku: Ġardinara | Is-Sindku qalet li qed ikollna ħafna problemi mal-kuntrattur. Qed jiġi propost li jkollna żewġ ġardinara ingaġġati mal-Kunsill. Nixtru wkoll l-inġenji meħtieġa u jiġi wkoll *out-sourced* kuntrattur li jieħu ħsieb it-tisqija u x-xiri tal-fjuri. | Segretarju Eżekuttiv |
| **14. 11.** | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 14. 11. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/19 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 14. 11. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 14/19 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 14. 11. 3 | | *Petty Cash* - Ottubru 2019 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta'Settembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €229.41 | Segretarju Eżekuttiv |
| **14 12** | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 12 | 1 | Chircop: Pjazzetta Anġlu Zahra | Chircop ressaq mozzjoni sabiex il-wesgħa li hemm bejn Triq Felicia Abela, Triq id-Duluri u Triq Ġużeppina Curmi tissemma' għal Anġlu Żahra. Wara diskussjoni ġie propost u maqbul nem.con mill-Kunsill li tissemma l-wesgħa għalih li tinsab bejn Triq Dun Ġwann sa Triq Anġlu Gatt. | Chircop |
| 14. | 12 | 2 | Chircop: Ġardina Ġemellaġi | Chircop ressaq mozzjoni sabiex tissemma l-ġardina li hemm fi Triq Gius Caruana. Kien hemm qbil nem.com. | Chircop |
| **14** | **13** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fl-9:45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru 2019 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5.30pm.

IFFIRMATA

Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv